MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2008

Numru 608/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvana Zrinzo Azzopardi)**

**vs**

**PAUL CORTIS**
**MARVIC CORTIS**
**JEFFREY BONELLO**
**ERIC CORTIS**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Paul Cortis ta' 43 sena bin Emanuel u Mary xebba Ciantar imwieled Haz-Zebbug fit-03 ta' Settembru 1959 u joqghod "Elcortia",

Triq il-Kosbor, Zebbug. Detentur tan-numru tal-karta ta' l-Identita 611359(M)

Marvic Cortis ta' 30 sena bin Anthony u Francis xebba Briffa imwieled il-Pieta fl-01 ta' Dicembru 1972 u joqghod "Desert Rose", New Str in Mdina Rd, Zebbug.
Detentur tan-numru tal-karta ta' l-Identita 10273(M)

Jeffrey Bonello ta' 19 il-sena bin Carmel u Carmen xebba Cortis imwieled il-Pieta fis-16 ta' Jannar 1984 u joqghod 27, "Charmaine", Triq Mikiel Ang. Sapiano, Zebbug.
Detentur tan-numru ta' l-Identita 89784(M)

Eric Cortis ta' 27 sena bin Anthony u Francis xebba Briffa imwieled il-Pieta fis-27 ta' Jannar 1976 u joqghod 27, "Franton House", Triq Mikiel Ang. Sapiano, Zebbug.
Detentur tan-numru tal-karta ta' l-Identita 114276(M) gew akkuzati:

Talli fid-19 ta' Mejju 2003, ghal-habta tal-10.50 a.m. waqt li kienu gewwa SMW Cortis, Triq l-Mdina, Zebbug bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Oreste Galea Ufficjal ta' l-Infurzar anzjan u lill Reuben Gauci Ufficjal ta' l-Infurzar, lkoll impjegati ta' l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar kontra l-volonta taghhom u dan ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurjaw jew heddew jew ghamlu offiza fuq il-persuni ta' Oreste Galea Ufficjal ta' l-Infurzar anzjan u lill Reuben Gauci Ufficjal ta' l-Infurzar, lkoll impjegati ta' l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, persuni li huma inkarigati skond il-ligi mis-servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghwhom jew jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur ta' l-artikolu 95 ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakkaw jew ghamlu reziztenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li

ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra Oreste Galea Ufficjal ta' l-Infurzar anzjan u lill Reuben Gauci Ufficjal ta' l-Infurzar, lkoll impjegati ta' l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti u cioe kontra Oreste Galea Ufficjal ta' l-Infurzar anzjan u lill Reuben Gauci Ufficjal ta' l-Infurzar, lkoll impjegati ta' l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u dan ai termini tal-artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurjaw jew heddew lill Oreste Galea Ufficjal ta' l-Infurzar anzjan u lill Reuben Gauci Ufficjal ta' l-Infurzar, lkoll impjegati ta' l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bi kliem u dan ai termini tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, cirkostanzi, hebbew kontra l-persuni ta' Oreste Galea Ufficjal ta' l-Infurzar anzjan u lill Reuben Gauci Ufficjal ta' l-Infurzar, lkoll impjegati ta' l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar sabiex jingurjaw, idejjqu jew jaghmlulhom hsara u dan bi ksur ta' l-artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, cirkostanzi, hebbew ghal Reuben Gauci Ufficjal ta' l-Infurzar, lkoll impjegati ta' l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u ghamlulu feriti ta' natura hafifa skond ma iccertifika it-Tabib Karl Couson M.D. tac-Centru tas-Sahha ta' Hal Qormi u dan bi ksur tal-artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisru l-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qalu fil-pubbliku kliem oxxen jew indicenti, jew ghamlu atti jew gesti oxxeni jew b'xi mod iehor offendew l-morali, l-

imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika u dan ai termini tal-artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zammew, ostakolaw jew xort’ ohra fixklu, jew ippruvaw izommu, ostakolaw jew fixklu lill Oreste Galea Ufficjal ta’ l-Infurzar anzjan u lill Reuben Gauci Ufficjal ta’ l-Infurzar, lkoll impjegati ta’ l-Awtorita ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, xi ufficjal jew impjegat ta’ l-Awtorita, jew xi ufficjal tal-pulizija, jew ufficjal pubbliku jew ufficjal jew impjegat ta’ xi dipartiment tal-Gvern jew ta’ xi agenzija tal-Gvern jew ta’ xi kunsill lokali, fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet tieghu taht il-ligi, jew jonqos milli jaghmel dak li ragonevolment jigi mitlub li jaghmel minn dik il-persuna kif imsemmi jew li jghinhom fil-qadi tad-dmirijiet taghhom, jew li xjentement jaghti lil dik il-persuna informazzjoni falza jew jonqos jew jirrifjuta li jaghti xi informazzjoni mehtiega ghall-ghanijiet fuq imsemmija u dan ai termini tal-artikolu 56(1)(d) tal-Att I ta’ l-1992 dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuni ta’ Oreste Galea Ufficjal ta’ l-Infurzar anzjan u lill Reuben Gauci Ufficjal ta’ l-Infurzar, lkoll impjegati ta’ l-Awtorita ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai termini tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali li jinsab a fol. 20 tal-Process (Dok MSC9) u nnutat li l-imputati m’ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Fl-ewwel lok tirrileva li dan il-kaz jirrigwarda incident li allegatament sehh gewwa SMW Cortis, Triq l-Imdina, Zebbug fid-19 ta’ Mejju, 2003, ghal habta tal-10.50 am

fejn, allegatament, inter alia, Reuben Gauci Ufficjal ta' l-Infurzar sofra feriti ta' natura hafifa.

Minn ezami tal-provi prodotti, il-Qorti hi tal-fehma li inkwantu ghall-imputati Marvic Cortis, Jeffrey Bonello u Eric Cortis, l-akkuzi migjuba kontra taghhom ma gewx sufficjentement ippruvati. F'dan ir-rigward taghmel referenza ghal bran mid-deposizzjoni ta' Oreste Galea (Seduta tas-17 ta' Mejju, 2004) fejn dan ix-xhud, inter alia, qal:

"Biex nirritorna ghal dawn l-impjegati li kien hemm ta' 'Cortis', nghid dawn gew jigru, nghid dawn il-haddiema gew jigru lejja u imbaghad qalbu lill-kollega tieghi Reuben ma' l-art u dawn qattghulu l-qmis, tajrulu n-nuccali u dan Reuben spicca wegga' idejh. Nghid dawna kienu xi erbgha jew hamsa minn nies. Inkwantu ghal dan il-grupp li gew jigru lejja u li kienu mbaghad waqqghu ma' l-art lill-kollega tieghi Reuben, <u>nghid mhux qieghed naghrafhom fost l-imputati prezenti fl-Awla.</u>" (sottolinjar tal-Qorti)

Issir ukoll referenza ghal bran mid-deposizzjoni ta' Reuben Gauci (Seduta tas-17 ta' Mejju, 2004) fejn dan ix-xhud, inter alia, qal:

"…………..u mbaghad hargu xi nies minn got-tinda ta' fejn jistorjaw l-injam ta' 'Cortis', dawn in-nies bdew jghajtu 'Pawlu, Pawlu, Pawlu', <u>u dawn kien hemm xi erbgha jew hamsa minnhom,</u> dawn imbaghad gew fuq, jien spiccajt ma nafx kif bil-qieghda fl-art, in-nuccali tax-xemx tar minn ghajnejja. Nghid illi dawn il-hames jew erga' impjegati lili gibduni minn spallti u dawna b'din l-azzjoni qattghuli zewg accetti tal-qmis, nghid illi n-nuccali girfulu l-lenti u dana n-nuccali kien tar minn ghajnejja meta dawna kienu gibduni. Nghid illi dawn kienu gibduni meta jiena kont ghadni bil-wieqfa. Nghid illi wara li dawn gibduni, jien gejt bil-qieghda fl-art. Nghid illi n-nuccali li kelli fuqi kien nuccali tax-xemx. Jiena meta waqajt ma' l-art grift il-minkeb u wegghajt subghajja l-kbir ta' idejja tal-lemin. Jiena kelli girfa zghira taht ghajnejja x-xellugija. Nghid xi hadd minn dawn l-impjegati bdew jghidu 'Hallih liz-ziju'. <u>Nghid illi in kwantu ghal dana l-grupp ta' erba' jew hames minn nies</u>

illi ghidt li gew jigru, jiena m'hu qed naghraf hadd minnhom prezenti fl-Awla." (sottolinjar tal-Qorti)

Illi rigward l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat Paul Cortis li tinkwadra ruhha fl-artikolu 86 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti:
(a) Referenza ghal bran mid-deposizzjoni ta' PS 1219 Charles Zammit (Seduta tat-28 ta' Novembru, 2006):
"Jiena mort gewwa il-Yard ta' SMW Cortis ta' Haz-Zebbug. Is-sitwazzjoni meta mort fuq il-post rajtha wahda kwieta. Jiena hemmhekk rajt karozza bajda. Din il-karozza bajda li rajt ma kienet tindika xejn li kienet tal-MEPA. Nies tal-MEPA kienu pajzana. Jiena kellimt lil wiehed mill-imputati li qieghed jigi indikat lili bhala li huwa l-imputat Paul Cortis. Huwa kien qalli li hu kien ra karozza diehla f'parti li l-ebda karozza ma tidhol u huwa ssuspetta hazin fihom. U hu mar u biex ma johorgux tefalhom xi njam fir-rampa.
Kull ma qalli l-imputat Paul Cortis lili qalli li sa dak il-hin in-nies li hemm fil-vettura ma kienux indikaw ruhhom li kienu Ufficjali tal-MEPA. In kwantu ghal vettura nghid, din il-vettura kienet sempliciment kollha bajda. Jiena innutajt illi kien hemm zewg serattizzi pero' meta mort jiena ma kienux qeghdin fin-nofs tar-rampa. Nghid illi bis-serattizzi f'nofs ir-rampa bniedem bil-mixi seta' jghaddi jidhol u johrog. Lili l-imputat Paul Cortis kien qalli li hu ppretenda li dawna li kieku kienu Ufficjali tal-MEPA kellhom jiddentifikaw ruhhom bhala tali."

(b) Issir referenza ghas-segwenti parti mill-Istqarrija tal-imputat Paul Cortis (Dok MSP4):
"T…………Din il-karozza il-bajda nizlet ir-rampa u meta rajta jiena issuspettajt hazin u mort u waddabt l-injam fin-nofs tar-rampa u qaghdt fil-bidu tar-rampa li jigi fuq il-bitha. Dak il-hin jien rajt il-karozza l-bajda gejja lura lejn ir-rampa. Dawn iz-zewgt t'irgiel meta raw li jien ghamilt l-injam waqfu bil-karozza u hargu mill-karozza. Jien ghidtilhom 'hawn x'inziltu taghmlu', qaluli 'ifthilna' biex inehhi l-injam u jien ghidtilhom 'intom hallelin'. Dak il-hin huma qaluli li huma tal-Planning Authority. Dawn ma urewni xejn lili qaluli biss bil-fomm dan il-kliem. Jien irrispondejthom 'Misskom gejtu tghiduli qabel ma inziltu,

kieku ghidtuli kont inhallikom u nigi maghkom."
"……………..”
“M Meta dawn qalulek li huma tal-Planning Authority inti x’ghamilt?
T Jien ghidtilhom cemplu lill-Pulizija ghax mhux ser tohorgu min hawn. Jien hsibthom hallelin u ridt sodisfazzjon ghalfejn dahlu go hwejgi."
“…………………..”
“M Wara li tal-Planning hargu mill-karozza x’gara ezatt?
T Huma rieduni innehhilhom l-injam biex johorgu u jien ghidtilhom biex tohorgu iridu jigu l-pulizija. Huma baqghu jinsistu u telghu hdejja.”

Hawn il-Qorti tirrileva li din il-parti tal-Istqarrija tal-imsemmi imputat sostanzjalment taqbel ma dak li xehed l-istess imputat minn jeddu fis-Seduta tad-19 ta’ Gunju, 2007 (Ara fol. 95 sa 97 tal-Process).

(c) Taghmel ukoll referenza ghal bran mill-kontro-ezami ta’ Reuben Gauci (Seduta tal-21 ta’ Frar, 2007) fejn dan ix-xhud, inter alia, qal: “Qed nigi mistoqsi mid-Difiza jekk li meta tfacca Joe Cortis hu dan kienx talabni l-ID Card nghid illi ma niftakarx. Qed jigi suggerit lili mid-Difiza li fil-fatt jiena domt infittex ghal ID tieghi u imbaghad fl-ahhar wara li ghadda certu hin sibtha, nghid dwar dan ma niftakarx.”

(d) F’dan l-istadju issir referenza ghal bran mid-deposizzjoni ta’ Joseph Cortis (Seduta tad-19 ta’ Gunju, 2007) fejn dan ix-xhud, inter alia, qal:
“Jiena ersaqt lejn l-ewwel Pulizija li kien procint li se jiehu in-notamenti, sellimtlu. Sa x’hin wasalt hdejh dan gie guvnott. Dan kien liebes qmis, qalziet u kellu nuccali tax-xemx fuq rasu u introduca ruhu bhala Ufficjal tal-MEPA. Jiena staqsejtu biex hu jtini identifikazzjoni. Huwa beda jfittex fil-bwiet. Hareg l-affarijiet mill-bwiet u wara ftit harigli l-id u tahili. Nghid kienet card pero’ tal-MEPA.”

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti hi tal-fehma li din l-ewwel akkuza ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata u dan anke fil-konfront tal-imputat Paul Cortis.

Rigward it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat Paul Cortis li tinkwadra ruhha fl-artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti hi tal-fehma li l-kelma "hallelin" li l-imsemmi imputat qal fil-konfront ta' Oreste Galea u Reuben Gauci fid-dawl ta' dak li ntqal aktar qabel f'din is-Sentenza rigward l-ewwel akkuza ma jrendix tali frasi bhala ingurjuza fic-cirkostanzi li ntqalet.

Rigward theddid il-Qorti taghmel referenza ghall-bran mill-kontro-ezami ta' Oreste Galea (Seduta 28 ta' Novembru, 2006) fejn dan ix-xhud, inter alia, qal:
"Jien l-uniku kliem li qalli l-imputat Paul Cortis illi kien dispreggattiv kien fis-sens li lili qalli li ahna hallelin. Pero' lili ma heddidniex. Lilna Paul Cortis kien qalilna ma kellna ebda dritt nidhlu hemm. Nghid illi Paul Cortis lilna ma kienx kellimna hazin."

Inkwantu ghall-akkuza li l-imputat Paul Cortis ghamel offiza fuq il-persuni ta' Oreste Galea u Reuben Gauci Ufficjali ta' l-Infurzar kif inkwadrata fl-imsemmija tieni akkuza tali akkuza tirrizulta.

Hawn il-Qorti taghmel referenza ghal bran mid-deposizzjoni ta' Oreste Galea (Seduta tas-17 ta' Mejju, 2004) fejn dan ix-xhud, inter alia, qal:
"Illi mbaghad dana Paul Cortis resaq lejn karozza li kienet qisha skreppjata, huwa beda jargumenta u jghajjat, jien ghidtlu biex ara ma jmurx imissni ghax jien ufficjal pubbliku……….., huwa beda jimbuttani u imbaghad qattaghli buttuna mill-qmis, jien bdejt inzommu biex dan ma jkomplix jimbuttani………."

Taghmel ukoll referenza ghal bran mid-deposizzjoni ta' Reuben Gauci (Seduta tas-17 ta' Mejju, 2004) fejn dan ix-xhud, inter alia, qal:
"………….ahna inzilna mill-karozza biex nispjegaw lil Paul Cortis x'inhi l-affari, dan rega' beda jghajjat, huwa beda jimbotta lis-'senior' tieghi,……….." "Meta rajt lil Oreste resaq fit-tarf hafna jien mort inzomm lil Paul Cortis, huwa beda jxejjer b'idejh…………….."

Hawn il-Qorti tirrileva li din it-tieni akkuza hi assorbita fl-akkuza aktar gravi li tinkwadra ruhha fl-artikolu 96 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta li dan jikkoncerna it-tielet akkuza.

Rigward it-tielet akkuza fil-konfront tal-imputat Paul Cortis, il-Qorti tiddikjara li hi tal-fehma li tali akkuza tirrizulta sodisfacentement ippruvata u a skans ta’ ripetizzjoni taghmel referenza ghal brani mid-deposizzjonijiet ta' Oreste Galea u Reuben Gauci riportati aktar qabel f’din is-Sentenza fir-rigward tat-tieni akkuza fil-konfront tal-imputat Paul Cortis.

Inkwantu ghar-raba’ akkuza fil-konfront tal-imputat Paul Cortis li hi ta’ natura kontravenzjonali li tinkwadra ruhha fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti hi tal-fehma li tali akkuza ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata u a skans ta’ ripetizzjoni taghmel referenza ghal dak li gie riportat aktar qabel f’din is-Sentenza rigward it-tieni akkuza ghal dak li jirrigwarda limitatament ingurji u theddid.

Rigward il-hames akkuza fil-konfront tal-imputat Paul Cortis, li hi ta’ natura kontravenzjonali u li tinkwadra ruhha fl-artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tali akkuza hi assorbita fit-tielet akkuza li tinkwadra ruhha fl-artikolu 96 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rigward is-sitt akkuza fil-konfront tal-imputat Paul Cortis li tinkwadra ruhha fl-artikolu 221(1) tal-Kap. 9, il-Qorti hi tal-fehma li tali akkuza ma gietx sufficjentement ippruvata.

Inkwantu ghas-seba’ akkuza fil-konfront tal-imputat Paul Cortis li hi ta’ natura kontravenzjonali u li tinkwadra ruhha fl-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fil-fehma tal-Qorti tali akkuza tirrizulta b’mod sodisfacenti (Ara deposizzjonijiet ta’ Oreste Galea – Seduta tas-17 ta’ Mejju, 2004; Reuben Gauci – Seduta tas-17 ta’ Mejju, 2004 u Stqarrija tal-imputat Paul Cortis – Dok MSP4).

Rigward it-tmien akkuza fil-konfront tal-imputat Paul Cortis, liema akkuza hi wahda ta’ natura kontravenzjonali u li tinkwadra ruhha fl-artikolu 338(bb) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet

ta' Malta, il-Qorti hi tal-fehma li tali akkuza ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata.

F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-bran mill-kontro-ezami ta' Oreste Galea (Seduta tat-28 ta' Novembru, 2006) fejn dan ix-xhud, inter alia, qal:
"Nghid illi Paul Cortis lilna ma kienx kellimna hazin."

Dwar id-disa' akkuza fil-konfront tal-imputat Paul Cortis li tinkwadra ruhha fl-artikolu 56(1)(d) tal-Att I ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp, il-Qorti hi tal-fehma li tali akkuza ma gietx sodisfacentement ippruvata ghaliex mid-deposizzjonijiet ta' l-Ufficjali ta' l-Infurzar Oreste Galea u Reuben Gauci moghtija fis-Seduta tas-17 ta' Mejju, 2004, jemergi li huma kienu lahqu ghamlu il-kompitu li riedu jaghmlu u li skond Oreste Galea (Ara fol. 28 tal-Process) "……..u mbaghad ahna iddecidejna li mmorru nkellmu lil ta' 'Cortis'", u skond Reuben Gauci (Ara fol. 33 tal-Process) "……….u konna se ndawru biex inkellmu lis-Sur Cortis, u dan biex inkellmu lil xi hadd mill-imghallmin." Fid-dawl ta' dan u tenut kont ic-cirkostanzi li emergu rigward l-ewwel akkuza kif spjegat aktar qabel f'din is-Sentenza, iwassal ghal konkluzjoni li tali akkuza ma gietx sufficjentement ippruvata.

F'dan l-istadju il-Qorti thoss li ghandha tirrimarka li dan l-incident seta' facilment gie evitat li kieku l-Ufficjali ta' l-Infurzar tal-MEPA Oreste Galea u Reuben Gauci ghazlu li jkellmu lil xi hadd mis-sidien tas-sit <u>qabel</u> ma nizlu fil-parti interna tal-istess sit meta mill-provi prodotti jirrizulta li dan seta' jsir b'mod facli ghax kien hemm xi sidien fis-sit u dan qed jinghad izjed u izjed meta dawn l-Ufficjali nizlu gewwa is-sit b'karozza li skond dak li xehed PS 1219 Charles Zammit fis-Seduta tat-28 ta' Novembru, 2006:
"Din il-karozza bajda li rajt ma kienet tindika xejn li kienet tal-MEPA." Hawn pero' il-Qorti trid taghmilha cara li <u>kull Ufficjal Pubbliku</u> ghandu dritt li jaqdi il-funzjonijiet tieghu bla ma jkun soggett ghal ebda forma ta' molestja.

Rat fil-konfront tal-imputat Paul Cortis l-artikoli 17, 95, 96, 339(1)(d) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fid-dawl tas-suespost inkwantu ghall-imputat Paul Cortis, issib lill-imsemmi imputat Paul Cortis, hati tat-tieni akkuza bl-assorbiment ta' din l-akkuza fit-tielet akkuza, tat-tielet akkuza, tal-hames akkuza bl-assorbiment ta' din l-akkuza fit-tielet akkuza u tas-seba' akkuza, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali kwazi netta tal-istess imputat, tillibera lill-imputat Paul Cortis taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundannah ghall-piena ta' hames mija u tnejn u tmenin Ewro u erba u tletin centezmi (582.34 Ewro) multa ekwivalenti ghal mitejn u hamsin Liri Maltin (Lm250). Rigward l-istess imputat Paul Cortis tillibera lill-imsemmi imputat mill-ewwel akkuza, mir-raba, akkuza, mis-sitt akkuza, mit-tmien akkuza u mid-disa' akkuza migjuba kontra tieghu stante li tali akkuzi ma gewx sufficjentement ippruvati.

Inoltre bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Paul Cortis b'obbligazzjoni personali ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba' u disghin centenzu (232.94 Ewro) ekwivalenti ghal mitt Liri Maltin (Lm100) li jzomm il-kwiet ma' Oreste Galea Ufficjal Anzjan ta' l-Infurzar u ma' Reuben Gauci Ufficjal ta' l-Infurzar it-tnejn impjegati ta' l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u li jzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Rigward l-imputati Marvic Cortis, Jeffrey Bonello u Eric Cortis, fid-dawl ta' dak espost f'din is-Sentenza rigward dawn l-imsemmija tlett imputati, tillibera lill-istess imputati Marvic Cortis, Jeffrey Bonello u Eric Cortis mill-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom stante li tali akkuzi ma gewx sufficjentement ippruvati fil-konfront ta' dawn l-imsemmija tlett imputati.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Paul Cortis l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------